RAKKOMANDAZZJONIJIET

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Frar 2012

dwar il-linji gwida għall-preżentazzjoni tat-tagħrif għall-identifikazzjoni ta' ħafna materjal riproduttiv tal-foresta u t-tagħrif li għandu jiġi provdut fuq it-tikketta jew id-dokument tal-fornitur

(2012/90/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 13 tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti [1] jistipula t-tagħrif li għandu jintuża sabiex jiġi identifikat kull lott tal-materjal riproduttiv tal-foresta (minn hawn 'il quddiem "MRF"). Barra minn hekk, l-Artikolu 14 ta' dik id-Direttiva jistipula t-tagħrif li għandu jiġi indikat fit-tabella jew dokument tal-fornitur. Madankollu ma ġew stabbiliti l-ebda regoli li jikkonċernaw il-preżentazzjoni ta' dan it-tagħrif.

(2) Għaldaqstant, il-mod ta' kif it-tagħrif huwa ppreżentat fit-tabella jew dokument tal-fornitur ivarja b'mod sinifikanti madwar l-Unjoni. Bosta Stati Membri u partijiet interessati rrappurtaw li, minħabba l-użu ta' lingwi differenti u forom ta' preżentazzjoni, it-tikketta jew id-dokumenti tal-fornitur spiss ma jinftehmux bl-istess mod mill-partijiet interessati involuti fil-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(3) Madankollu, id-Direttiva 1999/105/KE ma tinkludix bażi legali li tippermetti lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi dispożizzjonijiet legali li jorbtu li għandhom l-għan li jarmonizzaw it-tikketta jew id-dokument tal-fornitur sabiex inaqqsu dawn id-diffikultajiet. Għaldaqstant, huwa xieraq li jiġu adottati linji gwida li jirrakkomandaw preżentazzjoni tat-tagħrif li għandu jiġi provdut fit-tabella jew dokument tal-fornitur li jiffaċilita l-fehim ta' dan it-tagħrif fl-Istati Membri kollha.

(4) F'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1598/2002 tas-6 ta' Settembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE dwar l-għoti ta' assistenza amministrattiva reċiproka minn korpi uffiċjali [2], fejn l-MRF jgħaddi minn Stat Membru għal ieħor, il-korp uffiċjali tal-Istat Membru li fih huwa bbażat il-fornitur għandu jipprovdi tagħrif lill-korp uffiċjali tal-Istat Membru li fih huwa bbażat ir-riċevitur. Dan it-tagħrif għandu jiġi provdut permezz ta' "Dokument ta' Informazzjoni" f'format standardizzat fir-rigward tal-mod ta' kif huwa preżentat it-tagħrif u jinkludi, kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament, l-użu ta' kodiċi armonizzat biex jiġu identifikati l-oġġetti differenti.

(5) Meta wieħed iqis li ma ġew rappurtati l-ebda diffikultajiet fir-rigward tal-użu ta' dan id-"Dokument ta' Informazzjoni" u li xi partijiet mit-tagħrif mitlub mill-Artikolu 14 tad-Direttiva 1999/105/KE li għandhom jiġu indikati fit-tabella jew dokument tal-fornitur huma mitluba wkoll mill-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1598/2002 għad-"Dokument ta' Informazzjoni", huwa meqjus xieraq li jiġi rakkomandat l-użu ta' kodiċi numeriku biex jidentifika l-oġġetti differenti fit-tabella jew dokument tal-fornitur simili għal dawk stipulati fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1598/2002.

(6) Madankollu s-sekwenza u l-kontenut tal-kodiċi stipulati f'dawn il-linji gwida għandhom ikunu bbażati fuq ir-rekwiżiti għall-kummerċjalizzazzjoni tal-lottijiet MRF u l-kontenut tat-tikketta jew dokument tal-fornitur kif stipulat fl-Artikoli 13 u 14 tad-Direttiva 1999/105/KE.

(7) Dawn il-linji gwida għandhom jikkunsidraw id-differenzi msemmija fil-Premessa 2, biex jiffaċilitaw il-kummerċ u l-iskambju ta' tagħrif.

(8) Barra minn hekk, il-miżuri nazzjonali li ttieħdu mill-Istati Membri skont din ir-Rakkomandazzjoni għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u għandhom ikunu proporzjonati mal-objettiv imfittex,

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

1. Bl-iżvilupp tal-miżuri nazzjonali li jikkonċernaw il-mod ta' kif it-tagħrif għandu jiġi provdut mit-tikketta jew dokument tal-fornitur kif imsemmi fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 1999/105/KE għandu jiġi preżentat, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-linji gwida stipulati fl-Anness għal din ir-Rakkomandazzjoni.

[1] ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17.
[2] ĠU L 240, 7.9.2002, p. 39.

2. Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2012.

Għall-Kummissjoni
John DALLI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

A. **Prinċipji ġenerali għall-istabbiliment ta' miżuri nazzjonali**

1. *Trasparenza*

Il-miżuri nazzjonali li jikkonċernaw il-preżentazzjoni tat-tagħrif li għandu jiġi provdut fit-tikketta jew dokument tal-fornitur għall-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresta (minn hawn 'il quddiem "MRF") għandhom jiġu żviluppati f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti u b'mod trasparenti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra biex jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri konsegwenza tal-modi differenti kif dan it-tagħrif huwa preżentat.

2. *Proporzjonalità*

Il-miżuri nazzjonali adottati skont din ir-rakkomandazzjoni għandhom ikunu proporzjonati mal-objettiv li qed jiġi segwit, jiġifieri l-iffaċilitar tal-fehim tat-tagħrif provdut f'format u lingwi differenti. Dawn il-miżuri għandhom jevitaw piż bla bżonn għas-sidien u l-mixtliet tal-foresta.

L-għażla tal-miżuri għandha tikkunsidra d-diffikultajiet u l-karatteristiċi reġjonali u lokali, bħall-għamla u d-daqs tal-intrapriża tal-fornitur u l-utenti, l-aċċess għall-kummerċjalizzazzjoni, kif ukoll il-prassi lokali, nazzjonali, tal-Unjoni u tal-fornitur għall-immaniġġjar. Dawn għandhom ikunu proporzjonati mal-livell ta' kummerċ, li jiddependi fuq speċifiċitajiet reġjonali u nazzjonali u l-ħtiġijiet partikolari tal-MRF. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu adottati bħala regoli, rakkomandazzjonijiet jew linji gwida nazzjonali indirizzati lill-forniturі tal-MRF.

B. **L-identifikazzjoni tal-kodiċi tikkorrispondi mal-oġġetti rilevanti tat-tikketta jew dokument tal-fornitur**

L-oġġetti li għandhom jiġu provduti fit-tikketta jew dokument tal-fornitur għandhom jiġu preżentati kif elenkati fil-kolonna tax-xellug tat-tabella ta' hawn taħt, skont is-sekwenza użata fl-Artikolu 13 u fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 1999/105/KE. Fejn xieraq, jistgħu jiżdiedu xi oġġetti addizzjonali, taħt punt C, għal skopijiet ta' traċċabilità u tagħrif.

Għandhom jintużaw u jiġu preżentati numri armonizzati ta' identifikazzjoni permezz tan-numri u kodiċi elenkati fil-kolonna tal-lemin tat-tabella ta' hawn taħt, li jservu bħala traduzzjonijiet numeriċi tat-test korrispondenti fil-kolonna tax-xellug. Dawn in-numri kollha huma maħsuba biex jiffaċilitaw l-irkupru u r-rikonoxximent tat-tagħrif, dawn għandhom jiġu miżjuda ma' dan it-tagħrif mingħajr ma jqiegħdu l-kliem sħiħ, jew imqassar tal-kolonna tax-xellug, li normalment jintużaw fuq it-tikketti jew dokumenti tal-fornitur.

Il-kodiċi rilevanti u armonizzati ta' identifikazzjoni għandhom jinkitbu b'tipa grassa qabel kull oġġett li se jkun provdut fuq it-tikketta jew dokument tal-fornitur.

	Numru fuq it-tikketta jew dokument tal-fornitur
A. **Rekwiżiti kif elenkati fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 1999/105/KE**	
Kodiċi taċ-ċertifikat ewlieni u n-numru	**3**
Isem botaniku	**6**
Kategorija	**8a** "sors identifikat" **8b** "magħżul" **8c** "kwalifikat" **8d** "ittestjat".
Għan	**10a** "forestrija multifunzjonali" **10b** "oħrajn"
Tip ta' materjal bażiku	**9a** "sors taż-żerriegħa" **9b** "siġar" **9c** "masġar taż-żerriegħa" **9d** "ġenituri ta' familja" **9e** "klonu" **9f** "taħlita ta' kloni"
Ir-referenza tar-reġistru jew il-kodiċi tal-identità għar-reġjun ta' provenjenza	**11**
Reġjun ta' provenjenza — għal-materjali riproduttivi tal-kategoriji "sorsi-identifikati" u "magħżula" jew ta' materjali riproduttivi oħra jekk ikun xieraq	**13**

	Numru fuq it-tikketta jew dokument tal-fornitur
Jekk ikun xieraq, sew jekk l-oriġini tal-materjal tkun awtoktonika jew indiġena, mhux awtoktonika jew mhux indiġena, jew mhux magħrufa	**12a** "awtoktonika/indiġena" **12b** "mhux awtoktonika/mhux indiġena" **12c** "mhux magħrufa"
Fil-każ ta' unitajiet taż-żrieragħ, is-sena tal-maturità	**17**
L-età ta' frieħi tax-xtieli jew siltiet għat-tħawwil, sew jekk maqtugħa minn taħt, trapjanti jew f'kontenituri	**16**
It-tip ta' frieħi tax-xtieli jew siltiet għat-tħawwil, sew jekk maqtugħa minn taħt, trapjanti jew f'kontenituri	**7a** "żerriegħa" **7b** "partijiet tal-pjanti" **7c** "frieħi għat-tħawwil (għeruq mikxufa)" **7d** "frieħi għat-tħawwil (kontenituri)"
Jekk humiex modifikati ġenetikament	**18a** "iva" **18b** "le"
B. **Rekwiżiti kif elenkati fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 1999/105/KE**	
In-numru(i) taċ-ċertifikat ewlieni maħruġ skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 1999/105/KE jew referenza għad-dokument l-ieħor disponibbli f'konformità mal-Artikolu 12(3) ta' dik id-Direttiva	**3**
Isem tal-fornitur	**4**
Il-kwantità fornuta	**15**
Fil-każ ta' materjali riproduttivi tal-kategorija "ittestjata" li l-materjal bażiku jkun approvat skont l-Artikolu 4(5) tad-Direttiva 1999/105/KE, il-kliem "approvati proviżorjament"	**8x**
Jekk il-materjal ma jkunx ġie propagat b'mod veġetattiv	**19a** "iva" **19b** "le"
Fil-każ taż-żerriegħa, għal kwantitajiet 'il fuq minn dawk imsemmija fl-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 1999/105/KE	
Purità: il-perċentwal tal-piż taż-żerriegħa pura, żerriegħa oħra u materja rieqda tal-prodott kumerċjalizzat bħala żerriegħa fil-lott	**22**
Il-perċentwal tal-ġerminazzjoni taż-żerriegħa pura, jew, meta l-perċentwal tal-ġerminazzjoni jkun impossibbli jew mhux prattiku biex jiġi kkalkulat, il-vijabbiltà tal-perċentwal valutat b'referenza għal metodu speċifiku	**23**
Il-piż ta' 1 000 żerriegħa pura	**24**
In-numru ta' żerriegħa ġerminabbli kull kilogramm tal-prodott kummerċjalizzat bħala żerriegħa, jew, meta n-numru ta' żerriegħa ġerminabbli ma jkunx possibbli jew mhux prattiku biex jiġi kkalkulat, in-numru vijabbli taż-żerriegħa kull kilogramma	**25**
Fil-każ tal-Populus spp. (parti mill-pjanti)	
Klassi tal-qtugħ tal-frieħi (EC 1/EC 2)	**26**
Klassi tas-settijiet (N1/N2 — S1/S2)	**27**
C. **Oġġetti addizzjonali possibbli għal skopijiet ta' traċċabilità u tagħrif**	
In-numru tad-dokument tal-fornitur	**1**
Numru intern (tal-fornitu) tal-lott	**1a**

	Numru fuq it-tikketta jew dokument tal-fornitur
Data ta' meta ntbagħat l-MRF	**2**
Indirizz sħiħ tal-formitur	**4**
Isem u indirizz tar-riċevitur	**5**
Pajjiż tar-reġjun ta' provenjenza jew tal-post	**13**
Oriġini tal-materjal bażiku jekk mhijiex awtoktonika jew mhux indiġena	**14**